# Diskors tal-Ministru għal Għawdex l-Onor Giovanna Debono waqt Seminar fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali ta' l-Anzjani f'Għawdex[1].

Huwa ta' pjaċir u ta' sodisfazzjon għalija illi nilqagħkom hawn għal dan is-seminar. L-attendenza numeruża tagħkom hija prova ċara li aħna hawn, f'Għawdex, qed nilħqu l-għan illi jkollna "Soċjetà għal kull eta'", is-*slogan* magħżul mill-Ġnus Magħquda, li permezz tad-diversi kumitati imsejħa *National Focal Points* f'pajjiżi differenti, twassal il-messaġġ li ħadd ma għandu jkun minsi fis-soċjeta' u li kulħadd għandu funzjoni mportanti x'jaqdi irrispettivament mill-eta' tiegħu.



Skond il-*Population Fund* tan-Nazzjonijiet Uniti, fil-preżent 560 miljun persuna madwar id-dinja għandha aktar minn sittin sena minn popolazzjoni dinjija ta' 6 biljun ruħ. Din il-figura mistennija titla' għal 1.4 biljun ruħ sas-sena 2020, żieda ta' 230 fil-mija mill-1980 'l hawn.

Il-ħajja medja llum hija ta' ftit 'il fuq minn tmenin sena, bil-ħajja medja tan-nisa itwal minn dik ta' l-irġiel. Prattikament, dan ifisser illi meta persuna tirtira mix-xogħol, ikun baqagħlha madwar wieħed u għoxrin sena ħajja.

B'hekk, il-bżonnijiet ta' l-anzjani madwar id-dinja qegħdin ikunu akbar fin-numru u aktar diversifikati fl-oqsma kollha tal-ħajja, speċjalment f'dawk mediċi, soċjali, kulturali, spiritwali u edukattivi.

Dawn il-fatturi għandhom implikazzjonijiet u sfidi varji għas-setturi kollha tas-socjeta', għall-Amministrazzjoni ċentrali u lokali, għall-anzjani nfushom u għall-bqija tas-soċjeta' li trid taħdem u twieżen popolazzjoni li qed issir dejjem aktar anzjana fl-eta'.

Dan kollu ma għandux jaqtagħlna qalbna; qatt ma għandna nħarsu lejn l-anzjani tagħna, li tant ħadmu u batew, li jħaddnu valuri u tradizzjonijiet li tant huma mportanti f'soċjeta' intergenerazzjonali bħala piż. L-esperjenza tal-ħajja, l-abilitajiet, l-għerf, il-bżulija u l-valuri ma jissakkrux ġo armarju jew senduq mal-pensjoni.

Matul din is-sena ddedikata lill-anzjani l-*Focal Point Nazzjonali* fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali ħadem ħafna sabiex nsiru aktar konxji dwar il-bżonn illi titrawwem il-kultura ta' anzjan attiv, speċjalment fil-kommunita' fejn jgħix.

L-anzjani huma parti ntegrali mis-soċjeta' Għawdxija. Kommunita' b'saħħitha hija bbażata fuq familji li jħaddnu l-valuri ta' l-għaqda, wens u

solidarjeta'. F'Għawdex, għall-grazzja t'Alla, is-sens ta' kommunita' għadu jinħass bl-aktar mod qawwi. L-għajnuna mogħtija minn familjari u ġirien flimkien mas-*support* mill-Gvern, mill-Kunsilli Lokali u għaqdiet volontarji, jissarfu fi kwalita' ta' ħajja aħjar għall-anzjani tagħna.

Din l-aħħar sena kienet waħda ta' ħidma intensiva tal-Ministeru fil-qasam ta' l-anzjani, ħidma mibnija fuq bżonnijiet diversi ta' l-anzjani.

F'Mejju li għadda ġie miftuħ uffiċjalment *Day Centre* għall-anzjani fl-Istitut ta' San Ġużepp f'Għajnsielem permezz ta' ftehim milħuq bejn il-Ministeru għal Għawdex, il-Karitas fi ħdan il-Kurja ta' l-Isqof u ħdax-il Kunsill Lokali Għawdxi. Dan id-*Day Centre* iservi bħala opportunita' sabiex l-anzjani tagħna jiltaqgħu ma' xulxin u jibqgħu attivi fil-ħin liberu tagħhom filwaqt li joffrilhom ukoll servizz ta' tobba, podologi u infermiera kif ukoll taħdidiet f'diversi oqsma ta' interess. L-attivitajiet taċ-ċentru jinkludu wkoll ħarġiet soċjali, kulturali u rikreattivi kif ukoll l-konċelebrazzjoni tal-Quddies fuq bażi regolari. Permezz ta' dan iċ-ċentru, qed noffru alternattiva għas-solitudni, li hija forma ta' faqar fix-xjuħija. Is-suċċess ta' dan iċ-ċentru li hu mmexxi minn Kumitat tat-Tmexxija magħmula mit-tliet partijiet involuta, huwa xhieda ħajja tal-ġid li jista' joħroġ minn sħubija bejn il-Gvern lokali, dak ċentrali u entitajiet mhux-governattivi, f'dan il-każ il-Knisja.

Din is-sena wkoll f'Għawdex erġajna introduċejna b'suċċess l-Universita' tat-Terza Eta'. Qed nipprovdu suġġetti nteressanti (Prof. Cauchi li ser jagħlaq is-seminar huwa wieħed mil-*lecturers* preżenti), il-*lectures* qed isiru fid-*Day Centre,* li sar ċentru verament ħaj bl-attivita', qed jiġi pprovdut trasport b'xejn, fattur li huwa determinanti għall-konkorrenza. Iżda l-aktar parti importanti qed jagħmluha l-anzjani stess - qed jipparteċipaw, qed jikkonkorru għall-opportunitajiet li qed nipprovdulhom sabiex il-ħajja jarawha bħala proċess kontinwu ta' tagħlim.

Dan l-aħħar ġie ffermat ftehim ġewwa l-Ministeru għal Għawdex mal-Moviment Azzjoni Soċjali u ħbieb tal-Morda u l-Anzjani f'Għawdex sabiex fi ftit ġimgħat nibdew nipprovdu s-servizz tal-*Meals on Wheels,* il-Platt Sħun, servizz illi f'Malta ilu jingħata s-snin, iżda qatt ma kien introdott qabel f'Għawdex. Dan huwa eżempju ieħor ta' kollaborazzjoni sħiħa tal-Ministeru, din id-darba ma' żewġ għaqdiet mhux governattivi, li permezz tagħha ser igawdu l-anzjani li għandhom bżonn is-servizz u l-familji tagħhom b'mod indirett.

Aktar kmieni għamilt aċċenn għall-fatt illi bħala medja, persuna tgħix għal wieħed u għoxrin sena wara li tirtira. Ħafna huma dawk li ma jkunux jafu kif ser iqattgħu l-ġurnata meta jirtiraw, kif ser jibqgħu attivi fis-soċjeta' ħalli jagħtu l-kontribut siewi tagħhom filwaqt li jibqgħu attivi. Kien għalhekk illi bħalissa għaddejjin taħdidiet mal-Istitut tal-ġerontoloġija ta' l-Universita' ta Malta sabiex mis-sena d-dieħla nintroduċu l-*Pre-Retirement Courses* fil-gzira tagħna. B'hekk dawk li jkunu ser jirtiraw ikollhom l-opportunita' jippreparaw minn qabel għal din il-bidla f'ħajjithom minn lenti pożittiva u anke pro-attiva.

Fl-aħħar nett, nixtieq insemmi x-xogħol ta' *refurbishment* li qed isir fis-Swali tan-Nisa Anzjani ġewwa l-isptar tagħna. Dan huwa xogħol bżonnjużħafna li permezz tiegħu ser jipprovdi ħajja aħjar lill-pażjenti rikoverati f'dawn is-swali.

Nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lill-Focal Point Nazzjonali, li miegħu organizzajna dan is-Seminar, lill-kelliema u lilkom il-parteċipanti. L-appell tiegħi lill-anzjani fl-għatba tat-tielet millenju huwa wieħed ċar - ibqgħu attivi, ipparteċipaw, agħtu sehemkom għaliex is-soċjeta' għandha bżonnkom.

1. Seminar li sar San Lawrenz Leisure Resort, nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Novembru, 1999.

Debono's
Bakery

Joseph Debono
14, Pjazza Madonna ta' Loretu
Ghajnsielem
Tel: 552520